# KULLEĠĠ SAN NIKOLA

## L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA

Frar 2017

| IS-SITT SENA | IL-MALTI (IL-FEHIM MIS-SMIGĦ) | IL-ĦIN: 30 minuta |
|---|---|---|

## IL-KARTA TAL-GĦALLIEM



**Merħba!**

**Matul is-sessjoni tas-smigħ se tisma' żewġ siltiet.**

**Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.**

**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji, se jinqraw darbtejn.**

**Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek u ssib paġni 2 u 3.**

**----------------Waqfa ta' 10 sekondi --------------------**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A, u Taħriġ B tal-ewwel silta.

**----------------Waqfa ta' 25 sekonda --------------------**

Issa se tinqara l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**----------------Waqfa ta' 3 sekondi --------------------**

**Il-Qari tal-Ewwel Silta: Annimal Interessanti**

"Illum se naraw annimali minn kull xorta. Dawn m'għandniex bħalhom f'Malta. Ħa nibdew billi mmorru f'pajjiż kbir ħafna. Hija gżira imma kontinent sħiħ. Fiha kważi tliet miljun mil kwadru. Huwa pajjiż fejn marru ħafna Maltin..."

"Naf fejn, Ser," qal Reuben. "L-Awstralja!"

"Kif indunajt?" staqsieh l-għalliem.

"Għax naf li l-Awstralja hija l-unika gżira kontinent li hawn fid-dinja. U għax hemm Maltin daqskemm hawn f'Malta. Jew kważi."

"Bravu. Iżda fejn tgħallimtha din?"

"Jien għandi żewġ zijiet l-Awstralja. Kull sentejn jiġi xi ħadd minnhom. U sirt naf dwar l-Awstralja daqskemm naf dwar Malta."

"Mela taf tgħidli fuq liema annimal se nitkellem..."

"Jew fuq il-kangarù jew fuq il-koala. Dawk huma l-iktar żewġ annimali magħrufin fl-Awstralja."

"Qtajt, Reuben. Se nitkellem fuq il-kangarù. Dan huwa l-annimal nazzjonali tal-Awstralja. Huwa annimal li jiġri ħafna, anzi jaqbeż ħafna. Kapaċi jaqbeż

m'ogħla tliet metri. Huma jivvjaġġaw flimkien fi gruppi żgħar. Imma kultant ikunu anki mija flimkien."

"Hemm ħafna kwalitajiet ta' kangarù, hux, Ser?" staqsa Ivan. "Jien ukoll għandi ħafna kuġini fl-Awstralja."

"Iva, hemm dawk żgħar daqs qattus. U hemm dawk li jikbru sa żewġ metri. U hemm kuluri differenti. Il-kangarù jistrieħ matul il-ġurnata. Ifittex il-kenn tas-siġar. Iżda billejl ifittex x'jiekol. Huwa jgħix fuq il-ħaxix. Ħafna minnhom mhumiex slavaġ. Malajr jagħmlu ħbieb mal-bniedem."

"Iżommu ż-żgħar tagħhom f'borża hux, Ser?" staqsiet Daniela. "Darba rajt film dwarhom fuq it-televixin."

"Iva. Huma jitwieldu żgħar ħafna, imma jitrabbew ġo borża li l-omm għandha ma' żaqqha. Meta jkollhom ħames xhur jibdew joħorġu minn ġol-borża. Jibdew jieklu l-ħaxix bħal ommhom. Meta jispiċċaw jieklu jerġgħu jaqbżu ġol-borża. Meta jkollhom tmien xhur ma jmorrux aktar fil-borża. Imma ommhom xorta waħda tibqa' tieħu ħsiebhom; meta jkollhom sena mbagħad jibdew jaħsbu għal rashom."

"Kemm hija ħaġa interessanti," qalet Karen.

"Anzi m'għedtilkomx kollox. Hemm ħafna iżjed xi tgħid dwar dawn iż-żgħar tal-kangarù. Iżda rridu mmorru f'pajjiż ieħor, anki jekk l-Awstralja huwa pajjiż tassew kbir li ma jispiċċa qatt."

Addattat minn *Pajjiżi barra minn Malta* ta' Tony C. Cutajar

**Tmiem l-ewwel silta**

**---------------Waqfa ta' 3 sekondi ------------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A. Immarka b'sinjal (✓) il-kaxxa biex tgħid jekk hux VERU, FALZ jew MA SSEMMIETX.**

**Numru wieħed:**

It-tfal kienu qed jitkellmu fuq annimali li ssib Malta.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru tnejn:**

L-Awstralja hija gżira u kontinent.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru tlieta:**

Il-koala huwa l-annimal nazzjonali tal-Awstralja.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru erbgħa:**

Il-kangarù kapaċi jaqbeż sa tliet metri.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru ħamsa:**

Hemm kuluri differenti ta' kangarù, imma l-iktar komuni huwa l-kannella.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**Numru wieħed:**

Waqt il-lezzjoni kienu se jitkellmu dwar annimali li

a) hawn biss Malta.
b) m'hawnx bħalhom Malta.
ċ) ssibhom kemm Malta u kif ukoll barra minn Malta.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tnejn:**

Fl-Awstralja nsibu

a) ftit li xejn Maltin.
b) Maltin, kważi daqs Malta.
ċ) iktar Maltin minn Malta.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tlieta:**

Reuben għandu żewġ zijiet Awstraljani

a) li sentejn ilu ġew joqogħdu Malta.
b) li qatt ma ġew Malta.
ċ) li jiġu Malta kull sentejn.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru erbgħa:**

Matul il-lejl, il-kangarù

a) jfittex il-kenn tas-siġar.
b) jistrieħ.
ċ) jfittex x'jiekol.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru ħamsa:**

***"Jaħsbu għal rashom"*** tfisser li l-kangarù

a) jpoġġu xi ħaġa fuq rashom biex jistkennu.
b) jsiru indipendenti.
ċ) jibdew isiru iktar intelliġenti.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**------Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb -----**

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

**Il-Qari tal-Ewwel Silta: Annimal Interessanti**

"Illum se naraw annimali minn kull xorta. Dawn m'għandniex bħalhom f'Malta. Ħa nibdew billi mmorru f'pajjiż kbir ħafna. Hija gżira imma kontinent sħiħ. Fiha kważi tliet miljun mil kwadru. Huwa pajjiż fejn marru ħafna Maltin..."

"Naf fejn, Ser," qal Reuben. "L-Awstralja!"

"Kif indunajt?" staqsieh l-għalliem.

"Għax naf li l-Awstralja hija l-unika gżira kontinent li hawn fid-dinja. U għax hemm Maltin daqskemm hawn f'Malta. Jew kważi."

"Bravu. Iżda fejn tgħallimtha din?"

"Jien għandi żewġ zijiet l-Awstralja. Kull sentejn jiġi xi ħadd minnhom. U sirt naf dwar l-Awstralja daqskemm naf dwar Malta."

"Mela taf tgħidli fuq liema annimal se nitkellem..."

"Jew fuq il-kangarù jew fuq il-koala. Dawk huma l-iktar żewġ annimali magħrufin fl-Awstralja."

"Qtajt, Reuben. Se nitkellem fuq il-kangarù. Dan huwa l-annimal nazzjonali tal-Awstralja. Huwa annimal li jiġri ħafna, anzi jaqbeż ħafna. Kapaċi jaqbeż m'ogħla tliet metri. Huma jivvjaġġaw flimkien fi gruppi żgħar. Imma kultant ikunu anki mija flimkien."

"Hemm ħafna kwalitajiet ta' kangarù, hux, Ser?" staqsa Ivan. "Jien ukoll għandi ħafna kuġini fl-Awstralja."

"Iva, hemm dawk żgħar daqs qattus. U hemm dawk li jikbru sa żewġ metri. U hemm kuluri differenti. Il-kangarù jistrieħ matul il-ġurnata. Ifittex il-kenn tas-siġar. Iżda billejl ifittex x'jiekol. Huwa jgħix fuq il-ħaxix. Ħafna minnhom mhumiex slavaġ. Malajr jagħmlu ħbieb mal-bniedem."

“Iżommu ż-żgħar tagħhom f’borża hux, Ser?” staqsiet Daniela. “Darba rajt film dwarhom fuq it-televixin.”

“Iva. Huma jitwieldu żgħar ħafna, imma jitrabbew ġo borża li l-omm għandha ma’ żaqqha. Meta jkollhom ħames xhur jibdew joħorġu minn ġol-borża. Jibdew jieklu l-ħaxix bħal ommhom. Meta jispiċċaw jieklu jerġgħu jaqbżu ġol-borża. Meta jkollhom tmien xhur ma jmorrux aktar fil-borża. Imma ommhom xorta waħda tibqa’ tieħu ħsiebhom; meta jkollhom sena mbagħad jibdew jaħsbu għal rashom.”

“Kemm hija ħaġa interessanti,” qalet Karen.

“Anzi m’għedtilkomx kollox. Hemm ħafna iżjed xi tgħid dwar dawn iż-żgħar tal-kangarù. Iżda rridu mmorru f’pajjiż ieħor, anki jekk l-Awstralja huwa pajjiż tassew kbir li ma jispiċċa qatt.”

Addattat minn *Pajjiżi barra minn Malta* ta’ Tony C Cutajar

**Tmiem l-ewwel silta**

**----------------Waqfa ta’ 3 sekondi --------------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A. Immarka b’sinjal (✓) il-kaxxa biex tgħid jekk hux VERU, FALZ jew MA SSEMMIETX.**

**Numru wieħed:**

It-tfal kienu qed jitkellmu fuq annimali li ssib Malta.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**-------------- Waqfa ta’ 3 sekondi ---------------**

**Numru tnejn:**

L-Awstralja hija gżira u kontinent.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**-------------- Waqfa ta’ 3 sekondi ---------------**

**Numru tlieta:**

Il-koala huwa l-annimal nazzjonali tal-Awstralja.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru erbgħa:**

Il-kangarù kapaċi jaqbeż sa tliet metri.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru ħamsa:**

Hemm kuluri differenti ta' kangarù, imma l-iktar komuni huwa l-kannella.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**Numru wieħed:**

Waqt il-lezzjoni kienu se jitkellmu dwar annimali li

a) hawn biss Malta.

b) m'hawnx bħalhom Malta.

ċ) ssibhom kemm Malta u kif ukoll barra minn Malta.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tnejn:**

Fl-Awstralja nsibu

a) ftit li xejn Maltin.

b) Maltin, kważi daqs Malta.

ċ) iktar Maltin minn Malta.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tlieta:**

Reuben għandu żewġ zijiet Awstraljani

a) li sentejn ilu ġew joqogħdu Malta.

b) li qatt ma ġew Malta.

ċ) li jiġu Malta kull sentejn.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru erbgħa:**

Matul il-lejl, il-kangarù

a) jfittex il-kenn tas-siġar.

b) jistrieħ.

ċ) jfittex x'jiekol.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru ħamsa:**

***"Jaħsbu għal rashom"*** tfisser li l-kangarù

a) jpoġġu xi ħaġa fuq rashom biex jistkennu.

b) jsiru indipendenti.

ċ) jibdew isiru iktar intelliġenti.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**------Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb -----**

**Issa ngħaddu għat-tieni silta.** Nitolbok issib paġna 4.

**------------------Waqfa ta' 5 sekondi --------------------**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.

**--------------- Waqfa ta' 45 sekonda ---------------**

Issa se tinqara t-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Il-Qari tat-Tieni Silta: Vapur tal-Karti**

Bħas-soltu ommi ġiet ħdejja biex tgħattini u flimkien magħha ngħid it-talba ta' filgħaxija. Illum m'intix se tgħidli storja?" staqsejtha.

"Mela le," weġbitni. "Liema waħda tixtieq tisma'?"

L-istorja tan-nannu. Dik li semmejt meta kont qed tagħmilli l-vapur tal-karti."

Ommi ma tantx dehret li ħadet gost. Għajnejha waqgħu fuq ritratt li kien hemm fil-kamra tiegħi. Kien ritratt tagħha man-nannu. Jien lil missier ommi qatt ma kont rajtu, ħlief f'dak ir-ritratt.

"In-nannu kien baħri u kien isiefer ħafna. Ftit snin ilu, meta int kont għadek ma twelidtx, kien hawn gwerra kbira fid-dinja. Kien hawn nies ta' qalbhom ħażina li kienu ġabu din il-gwerra u ħafna nies mietu fiha. Fuq Malta kienu jiġu l-ajruplani u jitfgħu l-bombi. Dawn kienu jisplodu, ikissru u jwaqqgħu ħafna bini u joqtlu ħafna nies ukoll."

"U int fejn kont, ma?" staqsejtha.

"Jien u n-nanna, morna noqogħdu fil-kampanja fejn ma tantx kienu jitfgħu bombi."

"U n-nannu fejn kien?"

"In-nannu kien fuq vapur fil-periklu. Xi nies kattivi kienu jiġġerrew taħt wiċċ il-baħar f'vapuri apposta li jgħidulhom sottomarini. Meta kienu jaraw xi vapur tal-għadu kienu jitfgħulu bħal bomba kbira u jisploduh u dan jegħreq. Hekk ġara darba waħda lill-vapur li kien fuqu nannuk.

Dan għereq u miegħu għerqu wkoll ħafna baħrin fosthom in-nannu tiegħek. Għalhekk kull filgħaxija ngħidu talba għan-nannu. Kieku għadu ħaj min jaf kemm kien joqgħod jilgħab miegħek."

Kienet storja kerha. Ma nafx għala ommi kienet qalithieli. Qatt ma kienet tgħidli stejjer bħal dawn, speċjalment filgħaxija qabel ma norqod. Forsi dakinhar xtaqet tiftaħ qalbha u ma sabitx ma' min.

Dak il-lejl ħlomt li rajt lin-nannu ħdejja fuq is-sodda. F'idu kellu vapur tal-karti. Qagħad iħares lejja u jitbissem. Jien kont kuntent. Kont ili ħafna nixtieq li xi darba narah u nkellmu. Għedtlu ħafna ħwejjeġ iżda hu baqa' ma qalx kelma waħda. Meta qomt filgħodu, fejn rasi, fuq l-imħadda sibt vapur

tal-karti. Kien bħal dak li kellu n-nannu f'idu. Dak il-vapur għadu għandi sal-ġurnata tal-lum.

(Addattata mill-*Vapur tal-Karti – Ġabra ta' Stejjer Qosra* minn Charles Casha)

**Tmiem it-tieni silta**

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A. Imla l-vojt b'kelma mis-silta.**

**Numru wieħed:**

It-tifel xtaq jisma' ________________________ qabel jorqod.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tnejn:**

In-nannu kien ________________________ u kien isiefer ħafna.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tlieta:**

________________________ kienu jisplodu, ikissru u jwaqqgħu ħafna bini u joqtlu ħafna nies.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru erbgħa:**

Filgħodu t-tifel sab vapur tal-karti fuq ________________________.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru ħamsa:**

Filgħaxija kienu jgħidu ________________________ għan-nannu.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Issa se naqralek Taħriġ B.**

**Taħriġ B**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa. L-ewwel waħda hija eżempju.**

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw: **Il-vapur għereq**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli: **... u miegħu għerqu wkoll ħafna baħrin, fosthom in-nannu.**

Għalhekk ktibt in-numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi: **Il-vapur għereq u miegħu għerqu wkoll ħafna baħrin, fosthom in-nannu.**

**Issa se naqralek Kolonna A u wara Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tgħaqqad iż-żewġ partijiet ta' kull sentenza.**

**Kolonna A:**

**Numru wieħed: Il-vapur għereq...**

Numru tnejn: L-omm u n-nanna ...

Numru tlieta: Sottomarini...

Numru erbgħa: Kieku n-nannu ...

Numru ħamsa: Ħolom li ...

Numru sitta: Fir-ritratt ...

**Issa se naqralek Kolonna B:**

... kien għadu ħaj kien joqgħod jilgħab mat-tifel.

... ra lin-nannu jħares lejh u jitbissem.

... kien hemm omm it-tifel u n-nannu.

... **u miegħu għerqu wkoll ħafna baħrin, fosthom in-nannu.**

... marru joqogħdu fil-kampanja.

... huma vapuri li jiġġerrew taħt wiċċ il-baħar.

**------- Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb -------**

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

**Il-Qari tat-Tieni Silta: Vapur tal-Karti**

Bħas-soltu ommi ġiet ħdejja biex tgħattini u flimkien magħha ngħid it-talba ta' filgħaxija. Illum m'intix se tgħidli storja?" staqsejtha.
"Mela le," weġbitni. "Liema waħda tixtieq tisma'?"
L-istorja tan-nannu. Dik li semmejt meta kont qed tagħmilli l-vapur tal-karti."
Ommi ma tantx dehret li ħadet gost. Għajnejha waqgħu fuq ritratt li kien hemm fil-kamra tiegħi. Kien ritratt tagħha man-nannu. Jien lil missier ommi qatt ma kont rajtu, ħlief f'dak ir-ritratt.
"In-nannu kien baħri u kien isiefer ħafna. Ftit snin ilu, meta int kont għadek ma twelidtx, kien hawn gwerra kbira fid-dinja. Kien hawn nies ta' qalbhom ħażina li kienu ġabu din il-gwerra u ħafna nies mietu fiha. Fuq Malta kienu jiġu l-ajruplani u jitfgħu l-bombi. Dawn kienu jisplodu, ikissru u jwaqqgħu ħafna bini u joqtlu ħafna nies ukoll."
"U int fejn kont, ma?" staqsejtha.
"Jien u n-nanna, morna noqogħdu fil-kampanja fejn ma tantx kienu jitfgħu bombi."
"U n-nannu fejn kien?"
"In-nannu kien fuq vapur fil-periklu. Xi nies kattivi kienu jiġġerrew taħt wiċċ il-baħar f'vapuri apposta li jgħidulhom sottomarini. Meta kienu jaraw xi vapur tal-għadu kienu jitfgħulu bħal bomba kbira u jisploduh u dan jegħreq. Hekk ġara darba waħda lill-vapur li kien fuqu nannuk.
Dan għereq u miegħu għerqu wkoll ħafna baħrin fosthom in-nannu tiegħek. Għalhekk kull filgħaxija ngħidu talba għan-nannu. Kieku għadu ħaj min jaf kemm kien joqgħod jilgħab miegħek."
Kienet storja kerha. Ma nafx għala ommi kienet qalithieli. Qatt ma kienet tgħidli stejjer bħal dawn, speċjalment filgħaxija qabel ma norqod. Forsi dakinhar xtaqet tiftaħ qalbha u ma sabitx ma' min.
Dak il-lejl ħlomt li rajt lin-nannu ħdejja fuq is-sodda. F'idu kellu vapur tal-karti. Qagħad iħares lejja u jitbissem. Jien kont kuntent. Kont ili ħafna nixtieq

li xi darba narah u nkellmu. Għedtlu ħafna ħwejjeġ iżda hu baqa' ma qalx kelma waħda. Meta qomt filgħodu, fejn rasi, fuq l-imħadda sibt vapur tal-karti. Kien bħal dak li kellu n-nannu f'idu. Dak il-vapur għadu għandi sal-ġurnata tal-lum.

(Addattata mill-*Vapur tal-Karti – Ġabra ta' Stejjer Qosra* minn Charles Casha)

**Tmiem it-tieni silta**

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A. Imla l-vojt b'kelma mis-silta.**

**Numru wieħed:**

It-tifel xtaq jisma' ______________________ qabel jorqod.

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru tnejn:**

In-nannu kien ______________________ u kien isiefer ħafna.

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru tlieta:**

______________________ kienu jisplodu, ikissru u jwaqqgħu ħafna bini u joqtlu ħafna nies.

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru erbgħa:**

Filgħodu t-tifel sab vapur tal-karti fuq ______________________.

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru ħamsa:**

Filgħaxija kienu jgħidu ______________________ għan-nannu.

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Issa se naqralek Taħriġ B - Taħriġ B**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa. L-ewwel waħda hija eżempju.**

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw: **Il-vapur għereq**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli: **... u miegħu għerqu wkoll ħafna baħrin, fosthom in-nannu.** Għalhekk ktibt in-numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi: **Il-vapur għereq u miegħu għerqu wkoll ħafna baħrin, fosthom in-nannu.**

**Issa se naqralek Kolonna A u wara Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tgħaqqad iż-żewġ partijiet ta' kull sentenza.**

**Kolonna A:**

**Numru wieħed: Il-vapur għereq...**

Numru tnejn: L-omm u n-nanna ...

Numru tlieta: Sottomarini...

Numru erbgħa: Kieku n-nannu ...

Numru ħamsa: Ħolom li ...

Numru sitta: Fir-ritratt ...

**Issa se naqralek Kolonna B:**

... kien għadu ħaj kien joqgħod jilgħab mat-tifel.

... ra lin-nannu jħares lejh u jitbissem.

... kien hemm omm it-tifel u n-nannu.

... **u miegħu għerqu wkoll ħafna baħrin, fosthom in-nannu.**

... marru joqogħdu fil-kampanja.

... huma vapuri li jiġġerrew taħt wiċċ il-baħar.

**------- Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb -------**

Issa għandek żewġ minuti biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.

**-------------- Waqfa ta' 2 minuti --------------**

**Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa.**

TMIEM IL-KARTA